

**Emenda 12/rev**  
**Beatrix von Storch**  
f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport**  
**Mady Delvaux**  
Regoli tad-Dritt Ċivili dwar ir-Robotika  
2015/2103(INL)

**A8-0005/2017**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 44**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

44. Jenfasizza l-importanza tal-previżjoni tal-bidliet fis-soċjetà, fid-dawl tal-effett potenzjali tal-iżvilupp u l-użu tar-robotika u l-IA; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza xenarji possibbli differenti u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-vijabilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri; **huwa tal-fehma li għandu jtnieda dibattitu inklużiv dwar mudelli ġodda ta' impjieg u dwar is-sostenibbiltà tas-sistemi tat-taxxa u soċjali tagħna abbażi tal-eżistenza ta' introjtu suffiċjenti, inkluża l-possibilità li jiġi introdott introjtu bażiku ġenerali;**

44. Jenfasizza l-importanza tal-previżjoni tal-bidliet fis-soċjetà, fid-dawl tal-effett potenzjali tal-iżvilupp u l-użu tar-robotika u l-IA; jitlob lill-Kummissjoni tanalizza xenarji possibbli differenti u l-konsegwenzi tagħhom fuq il-vijabilità tas-sistemi tas-sigurtà soċjali tal-Istati Membri; **jirrakkomanda li għandu jiġi offrut taħriġ kontinwu lill-ħaddiema li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom minħabba r-robotizzazzjoni sabiex itejbu l-ħiliet tagħhom f'oqsma u setturi oħrajn u jiġu meġhuna jsibu impjieg ġdid;**

Or. en

10.2.2017

A8-0005/13/rev

**Emenda 13/rev**  
**Beatrix von Storch**  
f'isem il-Grupp EFDD

**Rapport**  
**Mady Delvaux**  
Regoli tad-Dritt Ċivili dwar ir-Robotika  
2015/2103(INL)

**A8-0005/2017**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni**  
**Paragrafu 59 – punt f**

*Mozzjoni għal riżoluzzjoni*

*Emenda*

**(f) *il-ħolqien ta' status legali speċifiku għar-robots, sabiex talanqas l-aktar robots awtonomi sofistikati jkunu jistgħu jiġu stabbiliti bħala li għandhom l-istatus ta' persuni elettroniċi responsabbli biex jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe ħsara li jistgħu jikkawżaw, u possibbilment l-applikazzjoni ta' personalità elettronika għal każijiet fejn ir-robots jieħdu deċiżjonijiet awtonomi intelliġenti jew inkella jinteraġixxu ma' partijiet terzi b'mod indipendenti;*** ***imħassar***

Or. en